# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*

Marzu 2022 — Ħarġa Nru 20

Kumitat 2020

President
Adrian Schinas
Viċi-President
Valent Xuereb
Segretarju
Leonard Agius
Asst. Segretarju u PRO
Norbert Gingell
**Teżorier**
Godfrey Mangion
**Assistent Teżorier**
Angele Xuereb

## WERREJ

**Pġ 1: Il-Knisja Qadima ta' San Tumas fil-Bajja, Wied il-Għajn**

**Pġ 3: Pitturi ta' Mattia Preti li nsibu fil-kappelli**

**Pġ 6: Termini tal-Arkitettura Ekklesastika**

## EDITORJAL

*Għeżież Membri u Ħbieb,*

B'din l-edizzjoni dħalna fit-tielet sena minn meta l-Għaqda bdiet tippubblika dan il-fuljett li bih stajna nibqgħu f'kommunikazzjoni magħkom il-membri, kif ukoll ma' ħbieb il-Għaqda.

Għalkemm hu l-ħsieb tal-Għaqda li tibqa toħroġ dan il-fuljett, dan jiddependi ħafna mill-għajnuna li intkom il-membri tistgħu tagħtu permezz ta' kontribuzzjonijiet ta' artikli u ritratti, bħal ma qed jgħinuna ċerti persuni.

Donnu l-pandemija tal-COVID 19 qed tbatti , u dan jimlina bil-ħeġġa li malli s-sitwazzjoni tiġi għan normalità nerġgħu niltaqgħu għal ħarġiet li tant kienu popolari magħkom.

**N. Gingell**

*Għal Kumitat*

## IL-KNISJA L-QADIMA TA' SAN TUMAS FIR – RAMLA, WIED IL-GĦAJN

Fl-1866 l-istoriku Bormliż Pietru Pawl Castagna ppubblika l-istorja ta' Malta taħt it-titlu "**Malta bil-Gżejjer Tagħha u li għadda minn għaliha**". L-awtur mhux biss jagħti tagħrif siewi dwar l-istorja ta' Malta iżda wkoll juri li kien midħla sewwa ta' kull rokna ta' Malta. Fit-tieni edizzjoni, f'waħda mill-ewwel faċċati tidher mappa qadima ta' Malta bil-kitba fuqha "**Copia tal Pianta mehuda mill-'Ordni fl'1565**". Mappa interessanti għaliex hija miżgħuda bl-ismijiet ta' rħula u knejjes li kienu jeżistu fl-1565, żmien l-Assedju l-Kbir.

Meta jitkellem dwar in-Nofsinhar ta' Malta, u b'mod speċjali dwar in-naħiet taż-Żejtun u Wied il-Għajn, Castagna jsemmi il-promontorju "**Ta San Tumas**" u dwaru jgħid "*Dan il-promontorju jinsab bejn il-Kala ta' San Tumas, min taħt it-Torri tal Vandomu, għal Wied il-Għain. ..... Il-knisja li em għal fuq ir-Ramla dedicate lil San Gaetan, saret fl-1657, u l-oħra ta' Sant'Antnin (fuk ix-Xagħra) inbniet fis-sena 1675*". Fil-mappa li semmejna tispikka stampa ta' bini ċkejken li mill-ewwel tingħaraf li hi knisja għaliex hemm l-isem **S Tomaso**. Din il-knisja hi viċin ħafna d-Daħla tal-baħar li llum tissejjaħ bħala r-Ramla ta' San Tumas. Hija mdawwra b'numru ta' knejjes bl-isem tagħhom: S Catarina (San Girgor llum); S Leonardu , u S Nicolò.

Castagna fil-kitba tiegħu ma jsemmix il-knisja ta' San Tumas, għax bejn is-sena 1565 (meta saret il-mappa) u s-sena 1866 ( meta gie ppubblikat il-ktieb) din il-knisja kienet imġarrfa. Kienu laħqu għaddew tliet mitt sena. Iżda ma jfissirx li ta' din il-knisja qadima ma baqagħalna l-ebda tifkira.

## IL-KNISJA L-**QADIMA TA' SAN TUMAS FIR –** RAMLA





il-knisja qadima ma baqagħalna l-ebda tifkira. Eżattament kif wieħed jasal fit-tarf tat-triq li miż-Żejtun twassel quddiem restorant, fuq il-lemin qabel ma taqbad in-niżla għar-Ramla ta' San Tumas, wieħed jara niċċa ċkejkna skolpita bassoriljiev fil-ġebel, bil-qaddis appostlu jqiegħed idu fuq il-kustat ta' Ġesu. Hawn kienet bejn wieħed u ieħor il-knisja ta' San Tumas. Sa ftit taż-żmien ilu, fil-għalqa ta' wara din in-niċċa kienu għadhom jidhru xi pedamenti ta' din il-knisja. Meta wieħed iħares mill-viċin lejn din in-niċċa jara fir-rokna t'isfel tax-xellug, skolpita l-faċċata ta' knisja ċkejkna, rappreżentazzjoni tal-knisja li dari kienet teżisti f'dan il-post.

Tifkira oħra hi l-pittura medjevali fuq l-injam, xhieda ta' San Tumas Appostlu li preżentament tinsab fil-Mużew Parrokkjali taż-Żejtun. Artistikament mhiex ta' xi preġju, iżda zgur li storikament hi għaliex kienet fil-knisja ta' San Tumas. F'dan il-kwadru, il-qaddis jidher bl-iskwerra f'dejh u dettal fir-rokna t'isfel jirrapreżenta l-martirju tiegħu. Jista jkun li dan il-kwadru mhux antik daqs il-knisja nfisha, għaliex l-istil hu differenti mill-ikoni medjevali, iżda dan ma jnaqqasx mill-valur storiku tiegħu. Li hu zgur hu li mhiex xi pittura ta' qaddis li jispirak titlob quddiemu!

Profs Mario Buhagiar, fil-ktieb tiegħu **"The Iconography of the Maltese Islands,1400-1900"** , pġ 45-46, jikkumenta hekk fuq dan il-kwadru: *"San Tumas ġie njettat b'umanita ġdida. Ma fihx il-qagħda bierda u d-distakk tal-qaddisin medjevali. Minflok, għandna raġel kważi ġelliedi, figura umana kemm jistà jkun, wiċċu bil-leħja u bis-sinjali li t-temp ħalla fih, b'saqajh mgħawġin u rasu fartasa, ftit jidher kuntent bir-raġġiera fuq rasu. Iħares lejn is-sema u juri b'subagh parti miċ-ċirku bir-raġġi ħerġin minnu, xbieha tal-Grazzja Divina. B'idejh ix-xellugija jżomm fis-sod l-iskwerra tal-bennejja, filwaqt li l-ktieb tal-Vanġelu jidher magħluq u mitluq ħdejn saqajh. Kważi, kważi timmaġina li qed tara xi sajjied jew bidwi Żejtuni li ppoża għall-artist.... Madwar ir-riġel il-leminija tal-qaddis, fuq art b'disinji tal-fjuri, jidher annimal stramb, li ma tafx hux kelb jew le! Dan il-kwadru hu wieħed mill-aħħar produzzjonijiet ta' tradizzjoni li kienet waslet biex tintemm, u li bil-ftit il-ftit k ienet qed tħalli l-post lil stili u xejriet ġodda, xhieda ta' sofistikazzjoni akbar u b'valuri ta' kultura wisq aktar raffinata"*.



Qabel ma dan il-kwadru ttieħed fil-Mużew Parrokkjali taż-Żejtun, dan kien għamel snin twal fil-knisja ta' San Girgor, fejn kien hemm artal dedikat lil dan il-qaddis. Fil-fatt fis-sena 1665 kien diġà mdendel hemm, u dan jagħtina x'nifhmu li f'dik is-sena il-knisja ta' San Tumas kienet diġa mġarrfa. Wara ttieħed fil-knisja tas-Salvatur fejn meta nbena l-Mużew Parrokkjali fin-1960s ġie meħud hemm.

*Din l-informazzjoni ġiet misluta mill-artiklu tal-Kan. Dun Joe Abela li deher fil-programm tal-Festa tas-sena 2007.*

*Ritratti tan-niċċa: N. Gingell. Ritratt tal-pittura: Wirt iż-Żejtun.*

# KWADRI TA' MATTIA PRETI LI NSIBU FIL-KAPPELLI

*Kitba ta' Anthony M Brincat*

*L-ewwel parti*

Bejn l-1660 u l-1699 għex u ħadem f'Malta l-pittur Mattia Preti. Barra li pitter il-kapolavur tiegħu fis-saqaf tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann huwa pitter ukoll ħafna kwadri titulari fi knejjes parrokjali u tal-patrijiet ta' Malta u Għawdex u kif ukoll f'kappelli tal-Kavallieri u oħrajn li nsibu f'pajjiżna.

Wieħed mill-ewwel kwadri li pitter f'Malta huwa dak li nsibu fil-kappella ta' Santa Katerina tal-Italja fil-Belt Valletta. Aktarx li dan tpitter fl-Italja u l-pittur kien bagħtu lill-Kavallieri tal-Lingwa Taljana biex juri xogħlu u dawn qegħduh fil-kappella tagħhom. Dal-kwadru tant ingħoġob li saru koppji tiegħu għall-knejjes oħra. Fih jidher il-waqt ta' ftit qabel ma l-qaddisa soffriet il-martirju bil-qtugħ tar-ras (*RITRATT 01*).

Fil-Belt Valletta ukoll nsibu żewġ kwadri oħra f'kappelli jew knejjes żgħar. Fil-knisja tal-Monasteru tas-Sorijiet Ġerosolomitani hemm il-kwadru li juri l-martirju ta' Santa Ursola u sħabha **(*RITRATT 02*)**. Fl-Oratorju tal-Arċikonfraternita tas-Santissimu Sagrament li hemm fil-Parroċċa tal-Portu Salvu u San Duminku naraw il-kwadru titulari li juri lil Kristu qed iqarben lil San Pietru waqt l-Aħħar Ċena wara li kien waqqaf l-Ewkaristija **(*RITRATT 03*)**.

Fil-belt il-qadima tal-Imdina fil-knisja tas-sorijiet Benedittini, Preti pitter il-kwadru titulari li juri lill-Madonna bil-Bambin flimkien ma' San Pietru, San Benedittu, u Santa Skolastika. Tidher ukoll l-arma tal-Isqof Molina li kien il-benefattur tal-kwadru **(*RITRATT 04*)**.

Lis-Sorijiet Benedittini li hemm fil-Belt Vittoriosa huwa pitter it-titular għall-knisja tagħhom iddedikata lil Sant'Anna u Santa Skolastika. Fih ukoll tidher Il-Madonna bil-Bambin flimkien ma' Sant' Anna, San Ġużepp, San Pawl, San Benedittu u Santa Skolastika. L-isqof Molina kiteb li dan kien tħallas minn Maria de Cosi **(*RITRATT 05*)**.

Fil-kappella li hemm ħdejn il-Palazz Verdala fil-Buskett, Preti pitter wieħed mill-isbaħ kwadri sakemm kien f'Malta. L-aħwa Gran Mastri Cotoner, Rafel u Nikola kienu bnew din il-kappella u żejnuha bix-xogħol tal-pittur Kalabriż. It-titular juri l-Madonna bil-Bambin flimkien ma' Sant'Anton Abbati, li lilu hija ddedikata l-kappella, lil San Ġwann Battista u anġlu li jżomm l-istandard tal-Ordni bil-pjanta tal-qoton, meħuda mill-arma tal-Gran Mastri **(*RITRATT 06*)**. Fil-ġenb tat-titular insibu żewġ kwadri li juru lil San Nikola **(*RITRATT 07*)** u l-Arkanġlu Rafel **(*RITRATT 08*)**, il-qaddisin taż-żewġ aħwa Gran Mastri. Hemm żewġ kwadri oħra, iżda dawn huma aktarx xogħol tal-bottega tal-Preti.

Nikola Cotoner kien il-benefattur li bena l-kappella f'Ħal Lija magħrufa bħala Tal-Mirakli. Hawn Preti tqabbad biex ipitter it-titular li juri l-Madonna bil-Bambin, ma' San Pietru, San Nikola u San Rafel **(*RITRATT 09*)**.

*Ikompli f'ħarġa oħra*



***Ritratt 01 - Knisja ta' Santa Katarina tal-Italja, Belt***

*Ritratti: Anthony M Brincat, minbarra Nru 1, 2, u 4, G. Theuma*




*Ritratt 02—Martirju ta'Sant' Ursola, Kappella tal-Monasteru tas-Sorijiet Ġerosolomitani, Belt*



*Ritratt 03— L-Aħħar Ċena, Orotorju tas-SS Sagrament, Belt*




*Ritratt 04—Madonna bil-Bambin, San Pietru, San Benedettu, Santa Skolastika, Kappella tal-Monasteru tas-Sorijiet Benedittini, Mdina*



*Ritratt 05—Madonna bil-Bambin, Sant' Anna, San Ġużepp, San Benedittu, Santa Skolastika, Kappella tal-Monasteru tas-Sorijiet Benedittini, Vittoriosa*



Ritratt 06—Madonna bil-Bambin, San Anton Abbati, San Ġwann il-Battista, Kappella tal- Palazz Verdala



Ritratt 07—San Nikola, Kappella tal- Palazz Verdala



Ritratt 08—Arkanġlu Rafel, Kappella tal-Palazz Verdala



Ritratt 09—Madonna bil-Bambin, San Pietru, San Nikola, u Arkanġlu Rafel, Knisja tal-Mirakli, Ħal-Lija

**TERMINI TAL-ARKITETTURA EKKLESJASTIKA**

*Kitba Martin Morana*



DIKKIENA (pl.dkieken) Bank tal-ġebel magħmul minn **XOROK**. Id-dikkieni jkunu mimduda bejn il-ħnejjiet fuq kull naħa tal-kappella, b'mod li min irid joqgħod bilqiegħda fuqhom ikun jista' jserraħ dahru mal-ħajt. Id-dikkiena ssibha f'ċerti kappelli medjevali bħal dik ta' Ħal Millieri u dik ta' Bir Miftuħ.

*Żewġ **dkieken** bejn il-ħnejjiet fil-kappella ta' Santa Maria ta' Bir Miftuħ*

FABRIKA Terminu wżat fl-antik li kien jirriferi għax-xogħol ta' kostruzzjoni tal-bini tal-knisja. Din il-kelma jużaha kemm-il darba E.B. Vella fil-ktieb tiegħu, *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha*, (1930). Hu jgħid hekk: '[…] *in-nies minn jeddhom iridu jaħdmu fil-btajjel u meta ma jkollomx x'jagħmlu, sa ma titlesta l-fabrika* […]'.



**FRIŻ** Il-filata mimduda bejn il-**GWARNIĊUN** u l-**ARKITRAV**. Bosta drabi din tkun iddisinjata b'xogħol artistiku bħal xi bassoriljiev, jew inkella jista' jkun hemm imnaqqxa xi iskrizzjoni b'messaġġ, li biha teżalta l-qaddis ta' dik il-knisja. Ing. *frieze*.

FRONTISPIZJU Il-forma normali triangolari ta' fuq il-faċċata ta' knisja ġeneralment mibnija fi stil Rinaxximentali, Barokk jew Klassiku. Tal. *frontespizio.* Ing. *tympanum*.



*Il-**frontispizju** tal-Konkatidral ta' San Ġwann*

*Ritratti: Joe Morana*